# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' Mejju 2000**

**Numru 34**

**Citaz. numru 947/91DS**

Raymond Mallia ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Blye Engineering Co. Ltd.
vs
Victor Satariano u Norman Spiteri, diretturi, ghan-nom in rappresentanza tas-socjeta` Boxit Limited

Illum, 8 ta' Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-27 ta' Awissu 1991 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi:
is-socjeta` attrici ghandha tiehu minghand is-socjeta` konvenuta s-somma ta' erbatax-il elf sitt mija u sebgha u tletin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm14,637.38,0), bhala bilanc minn somma akbar dovuta ghal xoghol ta' installazzjoni elettrika u mekkanika u xoghlijiet ohra ta'

kostruzzjoni esegwiti fuq inkarigu ta' l-istess socjeta` konvenuta a bazi ta' stimi accettati mill-istess socjeta`, fil-fabbrika KW24, f'Corradino Industrial Estate, Paola, kollox kif jidher ahjar mill-istatement of account (Dok. A) u l-invoices numri 000575, 000578, 000582, 000586, 000590, 000605, 000614, 000619, 000620, 000622, 000624 u 000632 (Dok. B sa Dok. M);

il-konvenuti nomine, ghalkemm interpellati diversi drabi biex ihallsu, baqghu inadempjenti;

talbu lil din il-Qorti:

tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu s-somma ta' erbatax il-elf, sitt mija u sebgha u tletin lira Maltin u tminja u tletin centezmu (Lm14637.38,0) bhala bilanc minn somma akbar dovuta ghal xoghol ta' installazzjoni elettrika u mekkanika u xogholijiet ohra ta' kostruzzjon kif jidher mill-istatement of account (Dok. A) u l-invoices numri 00575, 00578, 00582, 00586, 00590, 00605, 00614, 00619, 00620, 00622, 00624 u 00632 (Dok. B sa Dok. M).

Bl-imghaxijiet kummercjali u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 2578/91 u ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' April 1991, kontra l-konvenuti nomine ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu illi:

it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi mhuwiex minnu li gie miftiehem bejn il-partijiet prezz fiss ghax-xoghol in kwistjoni u wisq anqas gew approvati xi stimi b'dan, illi l-ammont pretiz jirrizulta li huwa

eccessiv meta jigi kkunsidrat ix-xoghol attwalment esegwit u fic-cirkostanzi ghandhom isiru l-konteggi adegwatament ridotti minn din il-Qorti, okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, parti mix-xoghol in kwistjoni ma sarx skond is-sengha u l-arti u ghaldaqstant din il-Qorti ghandha tiddetermina okkorrendo permezz ta' periti nominandi l-ammont attwalment dovut minnhom ghax-xoghol esegwit skond is-sengha u l-arti;

salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Ottubru 1992 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Tonio Mallia bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet moghti fis-26 ta' Gunju 1995 fejn gie nominat l-Inginier Charles Cuschieri bhala perit tekniku;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali minnu mahlufa fit-2 ta' Mejju 1995 u r-relazzjoni tal-perit tekniku minnu mahlufa fil-11 ta' Jannar 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**Provi**

Meta xehed **l-attur nomine** huwa kkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-fatti. Hu spjega li l-istimi li ghalihom saret riferenza fl-istess dikjarazzjoni, kienu gew accettati mis-socjeta` konvenuta. Spjega wkoll li qatt ma kien ircieva lment minghand is-socjeta` konvenuta dwar il-kwalita` tax-xoghol esegwit.

Huwa qal li x-xoghol ta' inginerija kellu jithallas bir-rata ta' hames liri fis-siegha (Lm5) u dak ta' *labourer* bir-rata ta' tlett liri (Lm3) fis-siegha. Imbaghad kien sar xi xoghol *extra* li kellu jithallas bl-istess rat u dan kif jirrizulta minn Dok. C1 u Dok. E esebiti.

L-attur nomine xehed ukoll illi il-partijiet kienu ftehmu li s-socjeta` attrici kellha timxi skond l-istruzzjonijiet ta' l- *engineer* ingliz Terry Redford, inkarigat mis-socjeta` konvenuta sabiex jaghmel is-supervizzjoni tax-xoghol in kwistjoni. L-istess Terry Redford kien prezenti meta sar dan il-ftehim, u sahansitra kien dejjem ikun fuq il-post tax-xoghol mal-haddiema tas-socjeta` attrici li kienet dejjem segwiet l-istruzzjonijiet tieghu.

In kontro-ezami, ix-xhud qal li fir-rigward ta' l-approvazzjoni tal-kontijiet tas-socjeta` attrici, ma kien sar l-ebda ftehim f'dan is-sens. Hu kkonferma li din kienet irceviet l-ittra tal-Perit William F. Micallef tat-2 ta' Awissu 1991, esebita bhala Dok. LCP 1 mill-konvenuti nomine, u dan wara li kien tlesta x-xoghol kollu.

Mistoqsi jekk il-*work bench including vice* indikat f'Dok. B u l-*power tools and hand tools* indikati f'Dok. C, kinux gew ikkonsenjati, l-attur nomine rrisponda fl-affermattiv.

Huwa spjega li s-socjeta` attrici kienet baghtet l-istima relattiva wara li Victor Satariano kien avvicinah u talbu stima ghal xoghol ta' elettriku fil-fabbrika gewwa Kordin. Din giet accettata mill-istess Victor Satariano u ghalhekk inbeda x-xoghol rikjest.

Aktar tard, l-istess Victor Satariano flimkien mad-direttur l-iehor Norman Spiteri u Terry Redford, kienu avvicinawh u talbuh stima ghal diversi xoghlijiet ohra u din inghatat u Victor Satariano kien akkordahom. Terry Redford kien talab ukoll il-prezzijiet ghal xoghol *extra* u dawn kienu l-prezzijiet li kien diga` semma'. L-istimi rilaxxjati gew esebiti bhala Dok. N, Dok. O u Dok. P mix-xhud stess.

L-approvazzjoni ta' l-istimi kienet dejjem wahda verbali. Darba minnhom Victor Satariano kien avvicina lil Pauline Cilia ta' l-istess socjeta` attrici u hekk kif dan infurmaha li huma ma kinux marbutin li jhallsu skond l-istimi, hi nfurmat dak il-hin stess lix-xhud bl-istess diskors permezz tar-*radio*. Ix-xhud qalilha sabiex twissi lil Victor Satariano li jekk huma ma jhallsux skond l-istimi, allura x-xoghol kien ser jieqaf. Hekk sar fil-fatt. Izda Victor Satariano kien rega' avvicinahom u wieghed li kien lest ihallas skond l-istimi.

B'riferenza ghas-*statement of account* esebit bhala Dok. A, l-attur nomine spjega li s-somma ta' tmintax-il elf u erba' mitt liri Maltin (Lm18,400) kienu thallsu waqt li kien qed isir ix-xoghol rikjest u sahansitra zewg

pagamenti kienu saru wara l-laqgha ta' bejniethom fejn il-partijiet kienu regghu qablu li x-xoghol kellu jithallas skond l-istimi

Mill-gdid in kontro-ezami spjega li l-prezzijiet fl-istimi kienu riflessi fil-fatturi. L-attur nomine xehed ukoll li hu kien ighaddi kull xahar *breakdown* tal-*man hours*, b'dana li qatt ma rcieva xi lment.

**Pauline Cilia** xehdet li hi kienet direttrici tal-kumpanija attrici. Hi qalet li meta kien mar ikellimha Victor Satariano fl-ufficcju taghha, dan stqarr li s-socjeta` konvenuta ma kenitx ser thallas skond l-istimi izda skond il-konteggi tal-perit wara li jsir ix-xoghol. Hekk kif infurmat lil Raymond Mallia b'dan id-diskors, u dan ix-xhud qalet li kien jidhrilha li sar fil-prezenza ta' Victor Satariano stess, hu nfurmaha li kien ser jieqaf mix-xoghol fil-fabbrika. Xi saghtejn jew tlieta wara, Victor Satariano kien cempillha u saqsieha fejn seta' jsib lil Raymond Mallia u hi kienet saret taf li hu mar ifittex lil dan ta' l-ahhar l-Universita` fuq ix-xoghol. 'Il ghada x-xoghol fil-fabbrika kien rega' tkompla. Fil-frattemp, is-socjeta` konvenuta kienet baqghet thallas pagamenti fuq akkont fis-somma ta' Lm18,400.

Ix-xhud ikkonfermat li wara li ntbaghtu l-istimi, is-socjeta` konvenuta qatt ma kienet ilmentat dwarhom. Ix-xhud spjegat li hi ma kienetx involuta direttament fin-negozju u kien biss fl-incident imsemmi li hi giet involuta direttament.

**Norman Spiteri** spjega li huma kienu accettaw l-istima Dok. N moghtija lilhom minghand is-socjeta` attrici, u dan minghajr l-ebda kondizzjoni.

Imbaghad kien hemm bzonn xi xoghol iehor li ghalih regghet giet inkarigata s-socjeta` attrici, b'dana li x-xhud kien ftiehem ma' l-attur nomine illi s-socjeta` konvenuta kienet ser tqabbad perit sabiex jiccertifika x-xoghol u l-ammonti. Meta sussegwentement ix-xhud kien jircievi stimi minghand is-socjeta` attrici, hu ma kienx jaghti kazhom.

Hekk kif gie ezegwit ix-xoghol, inqalghu l-problemi bejn il-kontendenti fir-rigward tal-bilanc dovut. Ix-xhud stqarr li meta l-attur kien telaq 'il hemm minn fuq il-post tax-xoghol, kien Victor Satariano li mar lehaq ftehim mieghu.

In kontro-ezami x-xhud spjega li l-ghan li jigi nkarigat perit ma kienx li dan jaghmel xoghol ta' supervizjoni izda ta' certifikazzjoni.

In kontro-ezami x-xhud spjega li l-attur nomine qatt ma kien spjegalu ghalfejn kien waqaf mix-xoghol, b'dana li jista' jkun li hu kien waqaf ghaliex il-pagamenti kienu ftit lura. Imbaghad f'Dicembru kienu ltaqghu u ftehmu li jhallsu l-pagamenti dovuta sakemm il-perit jiccertifika x-xoghol wara li dan ikun sar.

**Victor Satariano** qal li hu kien introduca lill-partijiet qabel ma kien issieheb fis-socjeta` konvenuta. Hu stqarr li kien jaf li din ta' l-ahhar kienet irceviet stima ghall-istallazzjoni ta' elettriku minghand is-socjeta` attrici. Meta mbaghad hu ssieheb mas-socjeta` konvenuta, din kompliet tinkariga lis-socjeta` attrici fuq xoghlijiet ohra. Sa fejn kien jaf ix-xhud, Norman Spiteri kien dejjem ighid lill-attur nomine li hu kien ser jithallas skond kif kien ser jiccertifika l-perit arkitett, b'dana li kien lest li jhallas mhux aktar minn 10% tal-prezz stabbilit mill-istess perit. Fil-fatt l-attur nomine u

Norman Spiteri kienu ftehmu fuq perit. Pero` dwar prezzijiet, l-attur nomine qatt ma tkellem max-xhud direttament.

Meta ghal xi raguni s-socjeta` konvenuta kienet naqset milli taghmel xi pagament, l-attur nomine kien waqqaf ix-xoghol u kien biss wara li mar ikellmu x-xhud u weghdu li kien ser isir il-hlas dovut li dan rega' beda bix-xoghol. Hekk kif spicca mix-xoghol kollu, is-socjeta` attrici kienet ghamlet il-proposta taghha dwar kif kellu jigi saldat il-bilanc dovut, b'dana li nsistiet li l-pagament kellu jkun kif stabbilit minnha. L-istess socjeta` attrici ma sabet l-ebda oggezzjoni meta ssemma l-fatt li kellu jitqabbad perit mis-socjeta` konvenuta. Meta mbaghad il-perit Micallef lesta l-istima, dan kien avvicina lil Norman Spiteri.

In kontro-ezami, ix-xhud spjega li d-diskors ma' Pauline Cilia kien fis-sens li huma kienu ser ihallsu fuq dak li ighid il-perit inkarigat. Fil-fatt l-attur nomine kien waqaf mix-xoghol peress li ma kienx sar xi pagament u mhux ghaliex is-socjeta` konvenuta kienet qeghda tirrifjuta thallas skond l-istimi.

Mistoqsi dwar meta allura kienet l-ewwel darba li ssemmew l-istimi, ix-xhud stqarr li lilu qatt ma kienu gew imsemmija l-istimi u lil Norman Spiteri dejjem semghu jitkellem fis-sens li l-kontijiet finali kellhom isiru fuq konteggi tal-perit. Fil-fatt il-hlas dejjem sar fuq akkont.

Ix-xhud ikkonferma li l-attur nomine dejjem segwa l-istruzzjonijiet ta' Terry Redford.

Ikkonferma wkoll li l-istimi mahruga kienu gew accettati minn Norman Spiteri u x-xoghol kien sar abbazi taghhom. Waqt li kien qed jigi ezegwit

dak ix-xoghol, il-partijiet ftehmu fuq xoghol ulterjuri li kellu jigi evalwat minn perit. Wara li spicca x-xoghol kollu fil-fabbrika, bdew imbaghad jinqalghu diversi problemi fl-operat tal-magni li kien dovut ghad-deficjenzi ta' l-installazzjoni ta' l-elettriku u servizzi ohra. Huwa elenka l-ilmenti tas-socjeta` konvenuta dwar ix-xoghol ezegwit mis-socjeta` attrici, u dan wara li kien ivverifika mat-teknici tieghu.

**Il-Perit William Micallef** xehed li hu kien kiteb lis-socjeta` attrici fit- 22 ta' Frar, 1991, sabiex dawn ighaddulu xi dettalji. Din irrispondiet biss fis-27 ta' Mejju, 1991, wara *reminder* tieghu, fejn infurmatu li kien intlehaq ftehim bejn il-partijiet f'Dicembru u li kienu wkoll saru xi pagamenti abbazi ta'l-istess, b'dana li kienet lesta tilqghu fl-ufficcju taghha minghajr pregudizzju. Is-socjeta` konvenuta nnegat li kien sar xi ftehim u ghalhekk hu rega' kiteb lis-socjeta` attrici, u dan bla ebda risposta. Meta hu kien infurmaha li kien sejjer fuq il-post fis- 7 ta' Awissu, 1991, is-socjeta` attrici ma gietx.

**Relazzjoni tal-Perit Legali Av. Dott. Tonio Mallia**

Konsiderazzjonijiet

Il-perit legali spjega li hu kien gie mitlub mill-partijiet sabiex jirrelata dwar in-natura tal-ftehim ta' bejn il-kontendenti. Hu rrileva li ma kienx hemm kwistjoni dwar il-fatt li s-socjeta` attrici nghatat kuntratt ta' appalt mis-socjeta` konvenuta. Izda filwaqt li l-attur nomine kien qed jinsisti li l-hlas kellu jsir abbazi ta' l-istimi mahruga minnu, is-socjeta` konvenuta riedet thallas skond il-konteggi maghmula minn perit wara li jitlesta x-xoghol.

Il-perit legali nnota li ma sar l-ebda ftehim bil-miktub u ghalhekk is-soluzzjoni tal-vertenza kienet ser tiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda. Wara li ha d-diversi provi in konsiderazzjoni, hu kien tal-fehma li t-tezi ta' l-attur nomine kienet l-aktar verosimili u ghalhekk kellha tigi abbraccjata, u dan seta' ighidu in vista tas-segwenti punti:

- qabel ma beda x-xoghol fuq l-ewwel kuntratt, is-socjeta` attrici ghaddiet stima lis-socjeta` konvenuta liema stimi gew accettati, u sussegwentement ix-xoghol gie ezegwit u l-hlas sar abbazi ta' dik l-istess stima;
- is-socjeta` attrici wkoll harget stima ghat-tieni kuntratt, skond il-prattika normali kif spjegat id-direttrici Pauline Cilia;
- il-konvenut stqarr li hu ma kienx accetta l-istimi, izda l-perit legali qal li kien dmir tal-konvenut li jiccarahom u mhux jinjorahom;
- kien hemm diversi kontradizzjonijiet fix-xhieda tal-konvenuti, bhal per ezempju:
    a. l-attur nomine ma kienx jieqaf mix-xoghol minhabba l-fatt li ma kienx ircieva l-ahhar cekk, jekk is-socjeta` konvenuta kienet dejjem thallas kif dehrilha, u ghalhekk kienet aktar verosimili r-raguni li offra l-attur u li giet ikkorroborata minn Pauline Cilia;
    b. ghalkemm il-konvenut nomine ighid li kienu waqqfu mill-pagamenti ghaliex hasbu li kienu hallsu bizzejjed u riedu wkoll certfikazzjoni tal-valur mill-perit, regghu saru zewg pagamenti ohra wara laqgha mas-socjeta` attrici, u dan minghajr ma sar spezzjoni tax-xoghol mill-perit u ghaliex, skond l-istess konvenut nomine, il-bilanc kien kbir;
    c. filwaqt li x-xhud Norman Spiteri qal li l-perit issemma' ma' l-attur nomine qabel ma beda x-xoghol, ix-xhud Victor Satariano stqarr li l-perit issemma' wara li x-xoghol kien intemm;

d. ix-xhud Victor Satariano spjega wkoll li ma’ kull pagament lis-socjeta` attrici, Norman Spiteri kien ifakkar li l-kont finali kellu jigi verifikat minn perit, izda ma sar l-ebda accenn fuq dan il-fatt mix-xhud l-iehor Norman Spiteri; u
e. ix-xhud Victor Satariano ta x’jifhem li l-perit kien gie nkarigat jaghmel il-konteggi ezatt wara li x-xoghol tlesta mis-socjeta` attrici, filwaqt li l-Perit Micallef xehed li hu kien gie nkarigat fil-bidu ta’ l-1991, u cioe` wara li x-xoghol kien tlesta ghal xi xhur u wara l-laqgha ta’ Dicembru, 1990, bejn il-partijiet.

**Relazzjoni tal-Perit Tekniku Ing. Carmel J. Cuschieri B.Sc Eng. Hons C.Eng. MIEE. MASHRAE, Eur. Ing.**

Kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet

Il-perit tekniku osserva li skond kif kien jirrizulta mir-relazzjoni tal-perit legali, l-inkarigu tieghu kien limitat ghall-verifika tas-segwenti:

a. ix-xoghol;
b. l- *man hours* ndikati fil-fattura;
c. l-oggetti ndikati fil-fattura bhala konsenjati u utilizzati fix-xoghol;
d. li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti.

Il-perit tekniku rrileva li l-konvenuti noe ma kienu resqu l-ebda prova fir-rigward ta’ l-ewwel zewg punti. Ix-xoghol ezegwit mis-socjeta’ attrici kien gie fil-fatt elenkat minnu waqt l-access ghal verifika ulterjuri mal-fatturi.

Imbaghad il-perit tekniku, b'riferenza ghall-hdax-il ilment fir-rigward tax-xoghol ezegwit mis-socjeta` attrici, u dawn kif kienu gew elenkati minn Victor Satariano fix-xiehda tieghu, ikkunsidra li disgha minn dawk l-ilmenti ma kienux gustifikati u tnejn iva.  Fir-rigward ta' l-ilment nru. 9 fejn ix-xhud spjega li l-*cable trunking* ma kienx mghotti, il-perit tekniku stqarr li dan ma kienx irrizulta mill-access, izda jekk kien veru l-kaz, dan kien jirrizulta biss ghal xoghol fl-ekwivalenti ta' tmintax-il liri Maltin (Lm18.00).  Ghal dak li kien jirrigwarda l-ilment nru. 10 fejn is-socjeta` konvenuta kienet qeghda tilmenta dwar il-fatt li l-ufficcju kellu jkollu *main switch*  ghalih, il-perit tekniku ta l-beneficcju tad-dubbju lill-konvenuti u rrileva li l-modifikazzjoni necessarja kienet tiswa mija u hamsin liri Maltin (Lm150.00).

Fuq analizi tal-fatturi fid-dawl ta' l-istimi mghoddija lis-socjeta` konvenuta, kif ukoll fid-dawl tal-lista ta' l-istallazzjoni maghmula waqt l-access mizmum minnu, il-perit tekniku rrileva li l-prezzijiet mitluba kienu anqas mill-prezzijiet kurrenti tas-suq f'dak iz-zmien u ghalhekk hu ma naqqashomx.  Irrizulta wkoll xoghol li kien sar izda li ghalih ma harget l-ebda fattura.  Ghalhekk mill-analizi tal-fatturi jirrizulta li sar xoghol b'valur ta' tlieta u tletin elf seba' mija hamsa u ghoxrin liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm33,725.37).  Minn din is-somma kellu jitnaqqas l-ammont ta' mija u tmienja u sittin liri Maltin (Lm168.00) bhala kumpens ghaz-zewg ilmenti gustifikati, flimkien ma' l-ammont ta' tmintax il elf erba' mija liri Maltin (Lm18,400.00) imhallsa mis-socjeta` konvenuta fuq akkont.  B'hekk l-ammont dovut lis-socjeta` attrici kien ta' hmistax-il elf mija sebgha u hamsin liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm15,157.37).

**Konsiderazzjonijiet u konkluzjoni**

1. Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni sabiex ma taqbilx mal-konkluzjonijiet, kemm tal-perit legali kif ukoll tal-perit tekniku.

2. Kif sewwa osserva l-perit tekniku, il-kontestazzjoni ta' bejn il-partijiet mhix fir-rigward tal-fatt li s-socjeta` attrici nghatat kuntratt ta' appalt mis-socjeta` konvenuta, izda tirrigwarda l-mod li bih kellhom isiru l-konteggi. Cioe` s-socjeta` attrici qeghda tikkontendi li dawn kellhom isiru abbazi ta' l-istimi mghoddija minnha lis-socjeta` konvenuta u din ta' l-ahhar qeghda ssostni li l-konteggi ghandhom isiru minn perit inkarigat ghal dan il-ghan u hekk kif gie ezegwit ix-xoghol.

3. Jirrizulta mid-dokumenti esebiti Dok. N, Dok. O u Dok. P li stimi kienu saru zgur almenu ghax-xoghol preliminari. Pero` jigi notat li x-xoghol indikat fil-fatturi, mhux kollu jirrizulta fl-istimi, izda skond id-depozizzjoni ta' l-attur nomine fis-seduta tas-26 ta' Mejju 1993, *'dwar id-differenza bejn il-valur tal-istimi u t-total costs, ma kienx hemm stima imma rati miftiehma'*.

4. Skond id-depozizzjoni ta' l-attur nomine tas-16 ta' Marzu 1992, u tas-27 ta' Mejju 1992, ir-rati li bihom kellha tithallas is-socjeta` attrici kienu ta' Lm5 fis-siegha ghal xoghol tekniku u Lm3 fis-siegha ghal xoghol ta' *labourer.* Fis-seduta tas- 26 ta' Mejju 1993, hu kompla jispjega li din ir-rata ta' l-ahhar kienu ftehmu wkoll fuqha f'laqgha mal-konvenuti nomine u Terry Redford fl-ufficcju ta' l-attur nomine wara li kien diga` nbeda x-xoghol. Dawn dehru fil-fatturi bhala *man hours* li *breakdown* taghhom kien

jinghata kull xahar lis-socjeta` konvenuta minghajr l-ebda ilment min-naha taghha. Kif osserva l-perit tekniku, l-ebda prova kontrarja ma ntressqet mis-socjeta` konvenuta.

4. Fis-seduta tas-16 ta' Novembru 1992, l-attur nomine xehed li Victor Satariano kien avvicinah sabiex jaghtih stima ghal xi xoghlijiet li kellhom isiru fil-fabbrika ta' Kordin u li l-istima mhejjija u mibghuta kienet giet accetatata mill-istess Victor Satariano. Imbaghad, kompla jispjega l-attur nomine, kienu ntbaghtu stimi addizzjonali u dawn ukoll gew accettati. Mix-xiehda ta' Pauline Cilia fis-seduta tat-22 ta' April 1994, jirrizulta li l-prattika tas-socjeta` attrici kienet proprju li jinhargu l-istimi qabel ma jigi ezegwit ix-xoghol rikjest.

5. Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 1993, Norman Spiteri ghas-socjeta` konvenuta stqarr li kien hemm qbil fuq Dok. N, izda sostna li kellu jitqabbad perit sabiex jaghmel il-konteggi ghal dawk ix-xoghlijiet l-ohra li kellhom jigu ezegwiti u meta semma' lill-Perit Micallef, l-attur nomine qal li ma kellux problema. Ghalkemm hu kien jircievi diversi stimi mis-socjeta` attrici, dawn ma kienx jaghti kazhom ghaliex haseb li ma kellux ghalfejn. Pero` kif sewwa nnota l-attur nomine fix-xiehda tieghu tas-seduta tas-16 ta' Novembru 1992, li kieku l-istimi ma kinux gew accetati, ix-xoghol ma kienx jinbeda. U sewwa wkoll josserva l-perit legali li jekk l-arrangament kien li jitqabbad perit arkitett fl-ahhar, x'kienet ir-raguni li l-attur nomine baqa' jibghat l-istimi ghax-xoghol. L-istess perit legali josserva wkoll li l-konvenut nomine qatt ma lmenta dwarhom jew iccara l-kwistjoni. Ukoll il-konvenut nomine qatt ma ghadda l-istimi lill-perit arkitett ghal konfermazzjoni jew

verifika ulterjuri. Dawn il-punti kollha jitfghu dawl fuq il-vertenza odjerna.

6. Skond dak li xehed il-Perit Micallef fis-seduta tal-21 ta' Jannar 1994, kien biss fil-bidu tas-sena 1991 li kien avvicinah Norman Spiteri sabiex issir spezzjoni tax-xoghol u kejl tieghu. Dan kien wara l-ftehim ta' bejn il-partijiet f'Dicembru, 1990, u wara li dawn komplew ihallsu. Allura l-inkarigu tieghu ma setax kien abbinat ma' dak il-ftehim ta' Dicembru, 1990, izda kien wiehed li sar unilateralment min-naha tas-socjeta` konvenuta ghall-finijiet taghha biss. Interessanti wkoll dak li jghid l-istess perit arkitett, cioe` illi hu kien gie nfurmat mis-socjeta` konvenuta li ma kien intlehaq l-ebda ftehim f'Dicembru u *'l-arrangament kien illi jiena 'should certify and value the work''*.

7. Wiehed jifhem ukoll li l-insistenza li jimxu skond li jghid il-perit min-naha tas-socjeta` konvenuta, setghet biss issir fil-kuntest ta' talba ghall-hlas skond l-istimi u anke skond ir-rati miftehma li kienet issir mill-attur nomine minn zmien ghal zmien, altrimenti ma kienx hemm lok ghal din l-insistenza da parti tal-konvenuti nomine.

8. Lanqas ma jaghmel sens l-argument tal-konvenuti nomine li huma kienu lesti jhallsu skond il-konteggi tal-perit, u dan meta jitqies il-fatt li kien sar ftehim dwar ir-rata fis-siegha bejn il-partijiet. Minn dan kollu hu evidenti li s-socjeta` konvenuta riedet torbot lill-attur nomine b'dak li kien ser ighid il-perit, irrispettivament jaqbilx jew le mieghu dwar ix-xoghol ezegwit.

9. Ghal dak li jirrigwarda hlas, fis-seduta tad-9 ta' Lulju 1993, Norman Spiteri xehed li l-pagamenti kienu jsiru fuq akkont skond id-diskrezzjoni tas-socjeta` konvenuta. Min-naha tieghu, Victor Satariano xehed fis-seduta ta' l-14 ta' Jannar 1994, li ghal xi raguni kien hemm okkazzjoni fejn il-hlas ma sarx u hu mar ifittxu sabiex ikompli bix-xoghol. Allura zgur li s-socjeta` konvenuta ma kellhiex diskrezzjoni dwar il-modalita` tal-pagamenti u l-istess pagamenti!

10. Jinghad ukoll li xejn ma hu konvincenti l-fatt li direttur tal-kumpanija ma kienx jaf ghaliex ma thallasx kuntrattur. Fic-cirkostanzi tal-kaz, wiehed ma jistax ma jihux it-tezi ta' l-attur nomine bhala dik veritiera. Jinghad ukoll li kif sewwa rritjena l-perit legali, il-kwistjoni li ntqajmet dwar l-istimi meta Victor Satariano mar ikellem lil Pauline Cilia kif xehed fuqha l-attur nomine fis-seduta tas-16 ta' Novembru 1992, giet ikkoroborata mill-istess Pauline Cilia fis-seduta tat-22 ta' April 1994.

11. Imbaghad meta spicca x-xoghol, Norman Spiteri xehed fis-seduta tad- 9 ta'Lulju, 1993, li s-socjeta` konvenuta kienet tal-fehma li hallset bizzejjed u li l-ebda pagament iehor ma kellu jsir sakemm jigi verifikat ix-xoghol mill-perit. Izda wara laqgha bejn il-partijiet, kienu saru zewg pagamenti ohra fuq akkont. Kif sewwa nnota l-perit legali, hemm kontradizzjoni fid-depozizzjoni stess: *'jekk debitur iwaqqaf pagamenti ghax ihoss li jkun hallas bizzejjed, hu ma jergax jibda jhallas ghax il-bilanc ikun kbir!'*

12. Ma jistax ma jigix osservat ukoll il-fatt illi sa Dicembru, 1990, kienu nhargu fatturi fis-somma ta' erbgha u erbghin elf tmien mija

u tmien liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm44,808.99) meta l-konvenuti nomine kienu hallsu biss hmistax-il elf liri Maltin (Lm15,000)! Tassew kienu jafu x'xoghol kien qed isir fil-fabbrika taghhom!

13. Fis-seduta tal-21 ta' Jannar 1994, l-istess Norman Spiteri xehed in kontro-ezami li *'Jista jkun li waqaf ghax il-hlasijiet akkont kienu ftit lura'* u hawn jigi osservat li f'kwalunkwe kaz dawn kienu bil-hafna lura! Fil-fatt ix-xhud ikompli jghid li meta ltaqghu f'Dicembru, kien hemm bilanc sostanzjali x'jithallas.

14. L-attur noe fis-seduta tat-12 ta' Marzu 1993, xehed li kienu saru diversi pagamenti fuq akkont waqt li kien qed isir ix-xoghol, b'dana li l-ahhar zewg pagamenti ndikati f'lis-*statement* saru wara laqgha bejn il-partijiet. Hekk kif lestiet ix-xoghol, is-socjeta` attrici kienet irceviet ittra minghand il-Perit Micallef sabiex dan jispezzjona u jkejjel ix-xoghol izda l-ittra giet injorata u diskussa sussegwentement fil-laqgha msemmija ta' Dicembru. Hemm gie deciz li l-hlas kellu jsir skond l-istimi u sar ftehim ukoll dwar il-modalita` tal-pagamenti. Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 1993, l-attur nomine kompla jispjega li huma kienu qablu f'dik il-laqgha dwar somma globali ta' tnejn u ghoxrin elf liri Maltin (Lm22,000)

15. Jekk verament il-konvenuti nomine kellhom problema dwar il-valur tax-xoghol u l-kwalita` tieghu, ghaliex ma qabdux u hadu parir tal-perit taghhom u konsegwentement ipprezentaw l-konteggi tieghu, kemm lill-attur nomine qabel ma nfethu l-proceduri odjerni, kif ukoll fl-atti ta' dawn il-proceduri sabiex b'hekk tigi rizolta b'mod aktar facli l-vertenza ta' bejniethom? Dan kollu jindika li l-

ilmenti tas-socjeta` konvenuta dejjem kienu frivoli. Wara kollox, skond ix-xiehda ta' Victor Satariano fis-seduta ta' l-14 ta' Jannar 1994, il-perit kien mar *on site* u sahansitra pprepara stima.

16. Jigi notat ukoll il-fatt li l-istess xhud mhux cert jekk kienx hemm prezenti l-attur nomine dakinhar, meta din kienet tirrigwarda l-qofol tal-vertenza taghhom. Imbaghad il-Perit Micallef fis-seduta tal-21 ta' Jannar 1994, ikkonferma li lil Raymond Mallia qatt ma kien iltaqa' mieghu. Tant ghall-kredibbilita` tax-xiehda moghtija minn Victor Satariano!

17. L-attur nomine fis-seduta tas-16 ta' Marzu 1992, stqarr li mieghu qatt ma kien sar ilment dwar il-kwalita` tax-xoghol ezegwit. Kien biss hekk kif fetah il-kawza li tqajmet din il-kwistjoni. Jigi osservat ukoll li m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li x-xoghlijiet saru taht is-supervizjoni ta' l-espert Terry Redford. Il-konvenut Norman Spiteri stess ghas-socjeta` konvenuta stqarr li hu kellu fiducja fl-attur nomine u l-perit riedu jqabbduh *'semplicement biex jiena jkolli mohhi mistrieh li kull pagament li naghmel lill-attur ikun misthoqq'.* Izda mbaghad fis-seduta ta' l- 1 ta' Ottubru 1997, Victor Satariano xehed li l-ilment principali taghhom kien ix-xoghol difettuz li sar. Interessanti ferm il-fatt li l-perit tekniku sab biss zewg ilmenti minn hdax gustifikati u dawn ukoll wara li ta l-beneficcju tad-dubbju lill-konvenuti nomine, u liema lmenti gew valutati mill-perit tekniku fil-valur insinjifikanti ta' mija tmienja u sittin liri Maltin (Lm168.00).

18. Fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku kkonkluda li l-ammont dovut lis-socjeta` attrici, wara li titnaqqas is-somma ta' mija u tmienja u sittin liri

Maltin (Lm168), huwa ta’ hmistax-il elf mija u sebgha u hamsin liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm15,157.37). It-talba attrici pero` hija ghas-somma ta’ erbatax-il elf sitt mija u sebgha u tletin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm14,637.38) u dan in vista tal-fatt li mill-kont finali nghata *discount* ta’ sitt mija sebgha u tmenin liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm687.99) - ara Dok. A a fol. 5. Ghalhekk is-somma ta’ mija u tmienja u sittin liri Maltin (Lm168) ghandha titnaqqas mis-somma mitluba ta’ erbatax-il elf sitt mija u sebgha u tletin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm14,637.38) li jhalli bilanc ta’ erbatax-il elf erba’ mija u disgha u sittin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm14,469.38) li hija s-somma li ghandha tithallas lis-socjeta` attrici.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine salv ghas-somma ta’ mija u tmienja u sittin liri Maltin (Lm168) bhala kumpens ghall-ilmenti taghhom kif fuq spjegat u ghalhekk tilqa’ t-talba attrici fis-somma ridotta ta’ erbatax-il elf erba’ mija disgha u sittin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm14,469.38) billi tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur nomine din is-somma ta’ erbatax-il elf erba’ mija disgha u sittin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm14,469.38) bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine.

**Onor. Imhallef David Scicluna**

**D/Registratur**